MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2211/2002

***John Baptist Zammit***

***vs***

***Walter Baldacchino***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta’ Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta’ erba’ mija u disghin liri Maltin (Lm490) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuti mill-konvenut lill-attur ghall-oggetti mibjugha u kkonsenjati lill-istess konvenut

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.
Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Christine Bondin ghan-nom ta’ l-attur, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ erba’ mija u disghin lira Maltin (Lm490), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**